MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 40/2018

It-Tlieta 7 t'Awwissu 2018

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

## Minuti

Iċ-*Chairperson* ippresjediet il-laqgħa.

### 40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

40.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li l-membru s-Sur Simon Salomone Reynaud u s-Sindku s-Sur Nicky Saliba kienu skużati. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

### 40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

40.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 39/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

40.2.2 Iċ-*Chairperson* talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

40.2.3 Iċ-*Chairperson* talbet għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 40.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

40.3.1 Ma kienx hemm l-ebda komunikazzjoni miċ-*Chairperson.*

### 40.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

40.4.1 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar siġar li possibilment jistgħu jkunu ta' periklu fi Triq il-Wied, Marsalforn. Il-membri qablu li jsiru listi tal-injam għas-sapport.

40.4.2 Is-Sur Frank Fenech staqsa dwar il-possibilta' sabiex isiru żewġ lampi LED ġodda, waħda fit-tarf ta' Triq Ulisse mal-arblu eżistenti u oħra fi Triq it-Torn. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

40.4.3 Is-Sur Frank Fenech ġibed l-attenzjoni wkoll dwar periklu taħt il-promenade ta' Triq il-Port fejn hemm xi nies li qed jiżolqu minħabba xi ħaxix imxarrab fil-passaġġ. Kien hemm qbil biex nibagħtu lis-sezzjoni tal-*beach cleaning* biex ineħħu l-periklu.

## 40.5 Permessi għal depożitu ta' Krejn jew Makkinarju ieħor;

40.5.1 Wara diskussjoni dwar dan is-suġġett, il-membri tal-Kumitat Amministrattiv ħarġu b'suġġeriment u direzzjoni għall-amministrazzjoni tal-Kunsill sabiex ma jinħarġux permessi biex jingħalqu toroq f'Marsalforn li huma *bus routes* fix-xahar t'Awwissu. Saħħqu wkoll li sa nofs Settembru m'għandhomx jinħarġu permessi biex isir xogħol bi krejnijiet fit-toroq fejn hemm ir-ristoranti. Din id-deċiżjoni ittieħdet wara vot ta' tlett membri favur u membru kontra.

40.5.2 Fuq l-istess materja, s-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm bżonn tibda diskussjoni biex għall-istaġun tas-Sajf li ġej isiru żewġ *Bye Laws*, waħda fuq dawn il-permessi għal depożitu ta' krejn jew makkinarju u oħra għal permessi ta' divertiment, b'hekk il-permessi jkunu aktar regolati. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 40.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa;

40.6.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Gary Doyle obo *Glass Box Bar* – 30 ta'Settembru 2018;
- Helene Markstein obo *PAX Projects* – Triq Santa Marija ħdejn il-baħar isfel – 14, 15, 16, 17, 18 ta' Settembru 2018;
- Stephanie Zammit obo *The President's Foundation for Wellbeing of Society – promenade* Triq il-Port – 30 ta' Settembru 2018;
- Diane Calleja obo Dipartiment tal-Kultura – Triq il-Port – 21 t'Awwissu 2018.

Il-membri tal-Kumitat ma sabu l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u tal-pulizija.

40.6.2 Il-Kumitat irċieva suġġeriment minn CRPD Malta sabiex isiru tlett

Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

*disabled parkings* ġodda f'Marsalforn. Il-membri laqgħu t-talba tagħhom u kien hemm qbil dwar dan.

40.6.3 Il-Kumitat irċieva korrispondenza minn Transport Malta dwar żewġ applikazzjonijiet biex isiru disabled parking fi Triq il-Wied u fi Triq l-Isqof Pace li ġew miċħuda. Il-Kumitat innota li bil-proposta ta' CRPD Malta (40.6.3) dawn iż-żewġ persuni ser ikollhom alternattiva.

40.6.4 Il-Kumitat irċieva korrispondenza minn Transport Malta dwar applikazzjoni ta' Ms Sandra Ann Armstrong biex isir *disabled parking* fi Triq tan-Naħla. Il-membri preżenti ma jsibu l-ebda oġġezzjoni għal dan.

40.6.5 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mingħand is-Sinjura Ġertrude Isabel Formosa b'suġġeriment biex jiżdied il-parkeġġ għan-nies b'diżabilita' u suġġeriment ieħor biex titmexxa tabella fi Triq Għar Qawqla peress li qed issib diffikulta' biex tipparkja. Kien hemm qbil mil-membri dwar dan.

40.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni dwar kummenti fuq is-siti soċjali fuq id-*double yellow lines* li saru fi Triq Għar Qawqla fejn qed jingħad li saru f'postijiet li ma kienx hemm il-bżonn. Kien hemm qbil li ċ-*Chairperson* u l-membru s-Sinjura Sandra Grech imorru fuq il-post u joħorġu bis-suġġerimenti tagħhom għal-laqgħa li jmiss.

40.6.7 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mis-Sur Winston Montanaro Gauci jilmenta dwar in-nuqqas ta' spazju fil-bajja ta' quddiem l-għassa tal-Pulizija minħabba s-*sunbeds*. Il-Kumitat qal li dawn jiġu rregolati mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu u dan l-ilment għandu jgħaddih magħhom.

40.6.8 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mingħand Green MT jinfurmawna dwar il-ħruq ta' *bring-in sites* fil-qbajjar u avżawna li dawn mhux ser jerġgħu jitpoġġew lura. Il-Kumitat innota dan.

40.6.9 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Clint Gatt dwar it-tabelli biex ma jarmux l-iskart u għamel suġġeriment biex din tkun miktuba wkoll bl-Ingliż. Il-Kumitat qabel li meta ssir ordni oħra ta' dawn it-tabelli, isiru bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

40.6.10 Il-Kumitat Amministrattiv ġabar kwotazzjoni biex tiġi nstallata CCTV



Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

*solar camera* għal Marsalforn mingħand *AIS Technology* li tammonta għal €1,656.18 mingħajr il-ħlas ta' konnessjoni mal-*internet*. Il-Kumitat huwa favur li ssir camera iżda ser jieħu parir dwar liema hu l-aħjar post fejn tiġi nstallata.

40.6.11 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mingħand Johnny Cefai ta' Marsalforn Watersports fejn għamel suġġeriment sabiex issir il-ġostra f'Marsalforn bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn nhar id-9 ta' Settembru 2018. Huwa semma xi spejjeż li tinvolvi din l-attivita' fosthom is-*sound*, l-ERRC, *trophies*, u l-*watersports* li jammontaw għal madwar €850. Il-Kumitat qabel li jagħti s-sehem tiegħu fl-organizzazzjoni billi joħroġ is-somma ta' €500.

40.6.12 Il-Kumitat irċieva diversi lmenti dwar l-aċċess ta' Triq il-Port wara li l-Pulizija nfurzaw l-istess aċċess fil-ħinijiet indikati fuq it-tabelli. L-ilmenti li l-Kumitat irċieva kienu mingħand David u Charlotte Carrington residenti permanenti fi Triq il-Port kif ukoll mingħand Richard King sid ta' *diving center* fl-istess triq.
Dwar dan kien diġa' sar komunikat mal-Pulizija kif ukoll mal-Ministru għal Għawdex fejn ġejna nfurmati mill-Onorevoli Justyne Caruana li kull tibdil jew deċiżjoni li b'xi mod ser jaffetwa l-masterplan ta' Marsalforn għandu jkun approvat mill-Ministeru Għal Għawdex.
Fuq dawn l-ilmenti l-Kumitat Amministrattiv faħħar l-impenn tal-Pulizija sabiex iżomm l-ordni f'din it-triq iżda saħaq li l-aċċess għandu jibqa' għar-residenti, s-sajjieda kif ukoll id-*divers*. Il-membri qalu wkoll li għandu jiżdied l-infurzar u r-ronda tal-Pulizija.

40.6.13 Ilment KAM 32/2018 – S. Grech
Jilmenta li qed isibha diffiċli joħroġ bil-vettura mill-garaxx fi Triq Santa Marija u jixtieq li l-*yellow double line* jikber minn metru għal żewġ metri. Ma kienx hemm qbil dwar dan peress li jmur kontra r-regolamenti ta' Transport Malta u biex ma jinħoloq l-ebda preċedent.

40.6.14 Ilment KAM 33/2018 – C. Zerafa
Titlob sabiex terġa tiġi kkunsidrata t-talba għal *disabled parking* fl-ilment numru KAM 12/2018. Il-membri baqgħu bl-istess deċiżjoni minħabba li hemm oħra fil-viċin fl-istess triq.

40.6.15 Ilment KAM 34/2018 – C. Portelli
Tilmenta li hemm bżonn isiru l-*cameras* ħdejn l-*bring in sites* tal-*parking*



Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

tal-Qbajjar Promenade. Il-membri qalu li ser jiġi kkunsidrat dan il-post.

40.6.16 Ilment KAM 35/2018 – G. Sacco
Jitlob biex id-*double yellow line* li sar quddiem il-*lift* tiegħu fi Triq Għar Qawqla isir *single yellow line* kif kien qabel biex ikun jista' iħott u jgħabbi x-xogħol. Kien hemm qbil dwar dan.

40.6.17 Ilment KAM 36/2018 – S. Grech
Jilmenta biex jiġi rilokat il-*bouncing castle* f'Marsalforn u ma jibqax fin-nofs peress li qed ikun hemm il-ħsejjes tal-kumpressur u qed tgħatti l-veduta lir-ristoranti ta' dawk in-naħat. Il-membri preżenti qablu unanimament sabiex il-*bouncing castle* jitmexxa għal fuq il-promenade iżda saħħqu wkoll li f'kull ħin is-sid ta' dan il-*bouncing castle* għandu jieħu l-prekawzjonijiet kollha ta' saħħa u sigurta' tat-tfal li jużawh.

40.6.18 Ilment KAM 37/2018 – M. Camilleri
Jistaqsi fuq liema linji gwida qed jinħarġu l-permessi tal-makkinarji biex isiru xogħlijiet f'Marsalforn. Il-membri qalu li diġa' saret diskussjoni dwar dan aktar qabel fl-istess laqgħa (40.5).

40.6.19 Ilment KAM 38/2018 – J. Gatt
Jitlob biex issir tabella ta' *No Parking* u jerġgħu jinżebgħu d-*double yellow lines* fi Triq Barda. Il-membri tal-Kumitat ma qablux dwar dan minħabba li t-triq wiesa' biżżejjed u ma jridux inaqqsu aktar spazju ta' parkeġġ.

40.6.20 Ilment KAM 39/2018 – J. Sacco
Jitlob biex jitwaħħal bank ħdejn il-*bus stop* ta' quddiem Dirjanu Supermarket fi Triq il-Qbajjar. Wara diskussjoni dwar dan, ma kienx hemm qbil mill-membri preżenti li jsir.

40.6.21 Ilment KAM 40/2018 – M.Sultana
Jitlob biex isiru metru *double yellow lines* mal-ġnub taż-żewġ garaxxijiet fi Triq Frank Debono skont is-*site plan* annessa. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

40.6.22 Ilment KAM 41/2018 – A. Meylak
Titlob biex isiru *double yellow lines* fil-kantuniera ta' Triq is-Salini skont is-*site plan* annessa. Kien hemm qbil dwar dan.

Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

40.6.23 Ilment KAM 42/2018 – S. Camilleri

Titlob biex isiru metru *double yellow lines* maġenb il-garaxx fi Triq il-Luzzu u jerġgħu jinżebgħu d-*double yellow lines* fil-kantuniera faċċata tal-garaxx. Kien hemm qbil dwar dan.

## 40.7 Mozzjonijiet;

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 40.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 11 ta' Settembru 2018 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 9 t'Ottubru 2018 minħabba li l-laqgħa skedata għat-Tlieta 11 ta' Settembru 2018 ma saritx minħabba nuqqas ta' *quorum*.

| | |
|---|---|
| ***Iffirmata*** | ***Iffirmata*** |
| Marija Saliba | Ryan Debrincat |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |

Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn